# Qorti tal-Magistrati (Ghawdex )
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

Vs

Carmel Spiteri.

Seduta tal-lum 26 ta' Ottubru, 2001

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Carmel Spiteri bin Joseph, imwieled Xewkija, Ghawdex karta tal-identita' numru 46150 (G), kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Billi inti akkuzat talli: fil-31 ta' Awissu 1995, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kellek fil-pussess tieghek l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta. U aktar talli: fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, biegh, jew xort'ohra ittraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8 (e) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali tal-25 ta' Jannar 2000 sabiex Carmel Spiteri jiressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal-ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101.

Rat illi l-imputat ma rregistra l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Ikkunsidrat:

Illi ix-xhieda f'din il-kawza jikkonsistu principalment f'dik ta' Savio John Falzon u tal-imputat. Savio John Falzon jghid illi huwa kien akkwista zerriegha tal-pjanta Cannabis minghand l-imputat. Il-Pulizija kienu intercettaw lix-xhud b'xi pjanti tal-

Cannabis u hu kien infurmhom li z-zerriqgha kien tajhielu l-impuat b'xejn meta kienu gewwa bar qed jiehdu drink. Dik kienet l-ewwel darba li Falzon iltaqa' mal-imputat.

L-imputat jinnega dak kollu li qal Falzon u jghid li hu ma ghandu x'jaqsam xejn ma bejgh jew traffikar ta' droga. L-imputat qal li huwa kuntrattur tal-bini u bhalissa jhaddem sittin ruh. Fiz-zmien allegat kien qed jahdem fil-bini ta' lukanda f'Ghawdex u tqattih ta' hamsa u ghoxrin tomna blat ghal-sit ta' lukanda ohra u bnadi ohra. Hu cahad li qatt kellu x'jaqsam ma droga u li l-gurnata tieghu mimlija bix-xoghol u filghaxija ikun qed jiehu xi drink ma kuntratturi u sajjieda.

Da parti taghha il-Pulizija kienet ghamlet tiftix fil-proprjeta' tal-impuat izda kollox irrizulta fin-negattiv.

Dan il-kaz ma jimmeritax aktar konsiderazzjonijiet hlief li ma tistax tifhem kif dan il-kaz spicca quddiema bi provi ta' din in-natura jehh tista' jsejhilhom provi u ghalhekk tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur